L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2025**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **SESSJONI 1** |
| KARTA NUMRU: | II – Livell 1-2 (It-Taħdit) | |
| TUL TA' ĦIN: | madwar 10 minuti | |

## IL-KARTA TAL-EŻAMINATUR

**It-Taħdit** **(Total: 12-il marka)**

### Il-Kummerċ fil-Festa tar-Raħal

Madwar il-pjazza u f'xi toroq fil-qrib tal-knisja jkun hemm il-bejjiegħa. Qabel kienu jkunu dawk li jbigħu l-qubbajt. Illum ikun hemm gabbani ta' kull xorta ta' ikel u xorb. Xi wħud ibigħu anke ġugarelli. Insibu żewġ tipi ta' qubbajt, wieħed kannella li hu iebes u ieħor abjad li hu artab. Il-bejgħ isir minn fuq mejda tassew artistika. Fil-fatt ikun hemm żewġ imwejjed. Waħda ta' livell baxx u l-oħra fil-għoli. Mal-ġenb ikun hemm xi vetrini żgħar. Fuq dawn l-imwejjed ikun hemm il-qubbajt.

Kull mejda jkollha l-qubbajt tipiku tagħha. Hemm pika kbira bejn tal-qubbajt. Kull riċetta hija xi ftit differenti u din tintiret mill-missier għall-ulied. Illum il-qubbajt sar jinkesa wkoll biċ-ċikkulata. Fl-imgħoddi, wara t-tmiem tal-festa, il-familji kienu jduru fuq dawn l-imwejjed tal-qubbajt biex jixtru biċċa qubbajt. Kien hemm drawwa li xi ħaddiema jixtru biċċa qubbajt għall-kollegi tagħhom tax-xogħol. Il-ħwienet tal-ħelu jagħmlu aktar kummerċ bis-saħħa tal-festa.

Xi familji jistiednu membri oħra tal-familja d-dar u dawn igawdu l-festa u naturalment jieklu u jixorbu flimkien. Ix-xorb l-aktar komuni kien rum, whisky u brandy. Il-ħwienet tax-xorb tal-lokalità jkollhom negozju aktar mis-soltu. Xi wħud joħorġu l-imwejjed barra fit-toroq. Kien ikun hemm żgħażagħ li kienu jispiċċaw il-festa fis-sakra.

Barra mill-kummerċ hemm l-element ekonomiku. It-turiżmu, l-aktar fix-xhur tas-sajf, ikun fl-aqwa tiegħu. Ħafna operaturi tat-turisti jorganizzaw tours għal-lokalitajiet fejn ikunu qed isiru dawn il-festi. Dan kollu jqajjem ix-xogħol u r-rota tkompli ddur. Ħafna jemmnu li l-festi qegħdin jiġbdu għadd kbir ta' turisti li fis-sajf jerħulha lejn il-gżejjer tagħna biex jgħixu esperjenza unika. Dawn it-turisti jiġu hawn Malta biex isegwu ċ-ċerimonja ta' devozzjoni u t-tradizzjoni li f'pajjiżhom inqatgħu jew ma jsirux.

*(Silta addattata minn artiklu ta' Joseph C. Camilleri li deher fir-rivista Mill-Imnara, April 2021)*

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**Il-Waranofsinhar it-tajjeb/Il-lejla t-tajba.**

**Kellek madwar għaxar minuti ta' preparazzjoni sabiex tara kemm is-silta kif ukoll il-mistoqsijiet.**

**Jekk jogħġbok, aqra taħriġ A.**

**A. Taħriġ ta' Qari Mgħajjat** (2 minuti, 2 marki)

Barra mill-kummerċ hemm l-element ekonomiku. It-turiżmu, l-aktar fix-xhur tas-sajf, ikun fl-aqwa tiegħu. Ħafna operaturi tat-turisti jorganizzaw tours għal-lokalitajiet fejn ikunu qed isiru dawn il-festi. Dan kollu jqajjem ix-xogħol u r-rota tkompli ddur. Ħafna jemmnu li l-festi qegħdin jiġbdu għadd kbir ta' turisti li fis-sajf jerħulha lejn il-gżejjer tagħna biex jgħixu esperjenza unika. Dawn it-turisti jiġu hawn Malta biex isegwu ċ-ċerimonja ta' devozzjoni u tradizzjoni li f'pajjiżhom inqatgħu jew ma jsirux.

**(Jekk il-kandidati jdumu aktar minn żewġ minuti, waqqaf il-qari u ibda l-eżerċizzju li jmiss.)**

**Grazzi ħafna. Issa se ngħaddu għas-silta kif ukoll il-mistoqsijiet.**

**Se naqralek mistoqsija wara oħra u inti trid tagħtini tweġiba skont dak li qrajt u fhimt.**

**B. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.** (4 minuti, 5 marki)

1. Kif tara li llum il-festa saret okkażjoni ta' kummerċ meta mqabbla maż-żmien ta' qabel?
2. Semmi **ŻEWĠ** drawwiet popolari tal-familja Maltija marbuta mal-ikel fi żmien il-festa.
3. Skont din is-silta, taħseb li l-poplu Malti llum għadu jqis il-festa bħala ċelebrazzjoni reliġjuża jew xi ħaġa oħra aktar minn hekk?
4. Immaġina li int gwida tat-turisti. Agħti ftit dettalji biex tfisser x'inhi verament il-festa Maltija lill-gwidi tat-turisti oħra, li għadhom kif laħqu issa.

**Grazzi ħafna tat-tweġibiet tiegħek.**

**Ċ. Diskussjoni fuq Stampa.** (4 minuti, 5 marki)

**F'din it-taqsima se nkunu qegħdin niddiskutu flimkien din l-istampa. Għandi xi mistoqsijiet ippreparati għalik, imma mhux neċessarjament jintużaw kollha. Dan jiddependi minn kif tesprimi ruħek u kif tibni l-argumenti tiegħek.**

**WARA L-FESTA ŻIBEL JIBQA'!**



*(Sors: www.shutterstock.com)*

**Mistoqsijiet tal-eżaminatur/eżaminatriċi:**

1. Iddeskrivi dan ir-ritratt.
2. Kif taħseb li l-festi jżidu l-ammont ta' skart fil-pajjiż?
3. Taħseb li aħna l-Maltin nistgħu nitqiesu bħala poplu nadif? Għaliex?
4. Taqbel li fil-marċi tal-festa ma jintefgħux aktar karti? Għaliex?
5. Kieku fil-festa ma jinbiegħx alkoħol, taħseb li ż-żagħżagħ xorta jattendu għall-briju tal-marċi?
6. Kieku kellek gabbana fil-festa, x'tagħmel biex in-nies li jixtru mingħandek tħajjarhom iżommu l-indafa?

**Jekk użajt xi karti separati għal xi noti nitolbok tħallihom hawn.**

**Grazzi ħafna. L-eżami tat-taħdit tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2025**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **SESSJONI 1** |
| KARTA NUMRU: | II – Livell 1-2 (It-Taħdit) | |
| TUL TA' ĦIN: | madwar 10 minuti | |

**IL-KARTA TAL-KANDIDAT**

**It-Taħdit** **(Total: 12-il marka)**

**Istruzzjonijiet għall-kandidati: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA**

F'dan l-oral, int se tiġi eżaminat għall-ħiliet tiegħek fit-tħaddim ta' reġistri differenti, għall-mod kif tesprimi ruħek, għas-sekwenza tal-ideat, u l-ħila li tibni argument loġiku.

Waqt l-eżami inti se tintalab mill-eżaminatur biex
- taqra tgħajjat paragrafu ta' madwar 100 kelma;
- twieġeb b'mod orali l-mistoqsijiet fuq din is-silta u fuq stampa.

Għandek madwar għaxar minuti ta' preparazzjoni sabiex tara kemm il-paragrafu, is-silta, kif ukoll il-mistoqsijiet.

**Il-Kummerċ fil-Festa tar-Raħal**

Madwar il-pjazza u f'xi toroq fil-qrib tal-knisja jkun hemm il-bejjiegħa. Qabel kienu jkunu dawk li jbigħu l-qubbajt. Illum ikun hemm gabbani ta' kull xorta ta' ikel u xorb. Xi wħud ibigħu anke ġugarelli. Insibu żewġ tipi ta' qubbajt, wieħed kannella li hu iebes u ieħor abjad li hu artab. Il-bejgħ isir minn fuq mejda tassew artistika. Fil-fatt ikun hemm żewġ imwejjed. Waħda ta' livell baxx u l-oħra fil-għoli. Mal-ġenb ikun hemm xi vetrini żgħar. Fuq dawn l-imwejjed ikun hemm il-qubbajt.

Kull mejda jkollha l-qubbajt tipiku tagħha. Hemm pika kbira bejn tal-qubbajt. Kull riċetta hija xi ftit differenti u din tintiret mill-missier għall-ulied. Illum il-qubbajt sar jinkesa wkoll biċ-ċikkulata. Fl-imgħoddi, wara t-tmiem tal-festa, il-familji kienu jduru fuq dawn l-imwejjed tal-qubbajt biex jixtru biċċa qubbajt. Kien hemm drawwa li xi ħaddiema jixtru biċċa qubbajt għall-kollegi tagħhom tax-xogħol. Il-ħwienet tal-ħelu jagħmlu aktar kummerċ bis-saħħa tal-festa.

Xi familji jistiednu membri oħra tal-familja d-dar u dawn igawdu l-festa u naturalment jieklu u jixorbu flimkien. Ix-xorb l-aktar komuni kien rum, whisky u brandy. Il-ħwienet tax-xorb tal-lokalità jkollhom negozju aktar mis-soltu. Xi wħud joħorġu l-imwejjed barra fit-toroq. Kien ikun hemm żgħażagħ li kienu jispiċċaw il-festa fis-sakra.

Barra mill-kummerċ hemm l-element ekonomiku. It-turiżmu, l-aktar fix-xhur tas-sajf, ikun fl-aqwa tiegħu. Ħafna operaturi tat-turisti jorganizzaw tours għal-lokalitajiet fejn ikunu qed isiru dawn il-festi. Dan kollu jqajjem ix-xogħol u r-rota tkompli ddur. Ħafna jemmnu li l-festi qegħdin jiġbdu għadd kbir ta' turisti li fis-sajf jerħulha lejn il-gżejjer tagħna biex jgħixu esperjenza unika. Dawn it-turisti jiġu hawn Malta biex isegwu ċ-ċerimonja ta' devozzjoni u t-tradizzjoni li f'pajjiżhom inqatgħu jew ma jsirux.

*(Silta addattata minn artiklu ta' Joseph C. Camilleri li deher fir-rivista Mill-Imnara, April 2021)*

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**A. Taħriġ ta' qari mgħajjat meħud mill-istess silta li għadek kif qrajt.** (2 minuti, 2 marki)

Barra mill-kummerċ hemm l-element ekonomiku. It-turiżmu, l-aktar fix-xhur tas-sajf, ikun fl-aqwa tiegħu. Ħafna operaturi tat-turisti jorganizzaw tours għal-lokalitajiet fejn ikunu qed isiru dawn il-festi. Dan kollu jqajjem ix-xogħol u r-rota tkompli ddur. Ħafna jemmnu li l-festi qegħdin jiġbdu għadd kbir ta' turisti li fis-sajf jerħulha lejn il-gżejjer tagħna biex jgħixu esperjenza unika. Dawn it-turisti jiġu hawn Malta biex isegwu ċ-ċerimonja ta' devozzjoni u t-tradizzjoni li f'pajjiżhom inqatgħu jew ma jsirux.

**B. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.** (4 minuti, 5 marki)

Aqra sew dawn il-mistoqsijiet u pprepara t-tweġibiet għalihom biex tiddiskutihom mal-eżaminatur/eżaminatriċi. Tista' tikteb xi noti fuq **KARTA SEPARATA** biex tużahom waqt id-diskussjoni. Biex tissostanzja t-tweġibiet tiegħek, tista' tikkwota mis-silta.

1. Kif tara li llum il-festa saret okkażjoni ta' kummerċ meta mqabbla maż-żmien ta' qabel?
2. Semmi **ŻEWĠ** drawwiet popolari tal-familja Maltija marbuta mal-ikel fi żmien il-festa.
3. Skont din is-silta, taħseb li l-poplu Malti llum għadu jqis il-festa bħala ċelebrazzjoni reliġjuża jew xi ħaġa oħra aktar minn hekk?
4. Immaġina li int gwida tat-turisti. Agħti ftit dettalji biex tfisser x'inhi verament il-festa Maltija lill-gwidi oħra ġodda, li għadhom kif laħqu.

**Ċ. Diskussjoni fuq Stampa.** (4 minuti, 5 marki)

Mal-eżaminatur/eżaminatriċi se tiddiskuti din l-istampa t'hawn taħt. L-eżaminatur/eżaminatriċi j/tista' j/tagħmillek xi mistoqsijiet biex j/tgħinek tiżviluppa l-argument/ħsieb tiegħek. Qis li titkellem b'Malti tajjeb u idjomatiku.

**WARA L-FESTA ŻIBEL JIBQA'!**



*(Sors: www.shutterstock.com)*

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2025**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **SESSJONI 1** |
| KARTA NUMRU: | II – Livell 2-3 (It-Taħdit) | |
| TUL TA' ĦIN: | madwar 10 minuti | |

**IL-KARTA TAL-EŻAMINATUR**

**It-Taħdit** **(Total: 12-il marka)**

**Baned u Briju - Il-Fondi Ewropej b'Appoġġ għall-Festi Maltin**

Hekk kif is-sajf jidħol fl-aqwa tiegħu, il-preparamenti għall-festi f'Malta u Għawdex jibdew għaddejjin ġmielhom.

Matul il-ġimgħat li ġejjin, ħafna minna se nkunu qed ingawdu dawn il-festi, hekk kif l-irħula u l-bliet tagħna jilbsu l-libsa tal-festa bit-tiżjin tradizzjonali bil-pavaljuni, id-dwal u l-marċi tal-baned.

Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet huma r-riżultat ta' sforzi ta' sena sħiħa ta' xogħol minn diversi voluntiera f'diversi għaqdiet f'kull lokalità.

L-impenn u d-dedikazzjoni tal-voluntiera f'diversi għaqdiet, bħall-każini tal-banda, jassiguraw li l-festa tradizzjonali Maltija tibqa' tiġi ċċelebrata filwaqt li jiġi ppreservat il-wirt uniku u l-identità kulturali tagħna.

Bħal kull għaqda volontarja oħra, il-każini tal-banda wkoll jiffaċċjaw ħafna sfidi biex ikunu jistgħu jsostnu l-operat tagħhom, primarjament minħabba n-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji u umani. L-Unjoni Ewropea (UE) tirrikonoxxi l-irwol importanti li dawn l-għaqdiet għandhom fil-komunitajiet tagħna, b'mod partikolari fil-preservazzjoni u l-promozzjoni tal-kultura u l-wirt tagħna bħall-Festa Maltija, li wkoll ġiet rikonoxxuta mill-UNESCO bħala wirt kulturali intanġibbli tal-umanità.

Għaldaqstant, matul is-snin il-fondi Ewropej intużaw ukoll biex jagħtu appoġġ lill-każini tal-banda madwar Malta u Għawdex, bl-għan li t-tradizzjonijiet Maltin jinżammu ħajjin u jibqgħu jitgawdew mill-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

Matul is-snin, Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) għenet lil bosta każini tal-banda minn diversi lokalitajiet biex japplikaw b'suċċess għall-fondi Ewropej biex iwettqu diversi proġetti li mingħajr dan l-appoġġ ma kinux ikunu possibbli.

SEM assistiet diversi każini tal-banda u soċjetajiet mużikali biex jiksbu fondi Ewropej biex jirrestawraw u jippreservaw il-bini tagħhom. Fosthom insibu lill-Għaqda Mużikali San Ġużepp, ta' Ħal Għaxaq, li bl-għajnuna ta' SEM kisbet fondi Ewropej biex tiġi restawrata l-koppla tal-każin. Fil-każin eżistenti tal-Għaqda, tinsab koppla prominenti mżejna b'disinji minn artisti lokali, li matul is-snin ġarrbet ħsarat sinifikanti minn elementi naturali u nuqqas ta' ventilazzjoni. Permezz tal-fondi Ewropej, il-kumitat tal-Każin tal-Banda sewwa l-ħsarat strutturali u wara sar ix-xogħol tar-restawr tad-disinji u tal-pitturi tal-koppla.

*(Sors: Artiklu ppubblikat fuq tvmnews.mt)*

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**Il-Waranofsinhar it-tajjeb/Il-lejla t-tajba.**
**Kellek madwar għaxar minuti ta' preparazzjoni sabiex tara kemm is-silta kif ukoll il-mistoqsijiet.**

**Jekk jogħġbok, aqra taħriġ A.**

**A. Taħriġ ta' Qari Mgħajjat** (2 minuti, 2 marki)

Bħal kull għaqda volontarja oħra, il-każini tal-banda wkoll jiffaċċjaw ħafna sfidi biex ikunu jistgħu jsostnu l-operat tagħhom, primarjament minħabba n-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji u umani. L-Unjoni Ewropea (UE) tirrikonoxxi l-irwol importanti li dawn l-għaqdiet għandhom fil-komunitajiet tagħna, b'mod partikolari fil-preservazzjoni u l-promozzjoni tal-kultura u l-wirt tagħna bħall-Festa Maltija, li wkoll ġiet rikonoxxuta mill-UNESCO bħala wirt kulturali intanġibbli tal-umanità.

Għaldaqstant, matul is-snin il-fondi Ewropej intużaw ukoll biex jagħtu appoġġ lill-każini tal-banda madwar Malta u Għawdex, bl-għan li t-tradizzjonijiet Maltin jinżammu ħajjin u jibqgħu jitgawdew mill-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

**(Jekk il-kandidati jdumu aktar minn żewġ minuti, waqqaf il-qari u ibda l-eżerċizzju li jmiss.)**

**Grazzi ħafna. Issa se ngħaddu għas-silta kif ukoll il-mistoqsijiet.**

**Se naqralek mistoqsija wara oħra u inti trid tagħtini tweġiba skont dak li qrajt u fhimt.**

**B. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.** (4 minuti, 5 marki)

Aqra sew dawn il-mistoqsijiet u pprepara t-tweġibiet għalihom biex tiddiskutihom mal-eżaminatur/eżaminatriċi. Tista' tikteb xi noti fuq **KARTA SEPARATA** biex tużahom waqt id-diskussjoni. Biex tissostanzja t-tweġibiet tiegħek, tista' tikkwota mis-silta.

1. Għaliex taħseb li l-volontiera huma importanti għall-festi Maltin?
2. Għaliex taħseb li l-Unjoni Ewropea tagħti fondi lill-każini tal-banda?
3. Taqbel li fondi Ewropej jintefqu fuq proġetti kulturali? Għaliex?
4. Immaġina li tingħata somma flus biex tonfoqha fi proġett fil-komunità tiegħek. Fiex tagħżel li tonfoqha u għaliex?

**Grazzi ħafna tat-tweġibiet tiegħek.**

**Ċ. Diskussjoni fuq Stampa.** (4 minuti, 5 marki)

**F'din it-taqsima se nkunu qegħdin niddiskutu flimkien din l-istampa. Għandi xi mistoqsijiet ippreparati għalik, imma mhux neċessarjament jintużaw kollha. Dan jiddependi minn kif tesprimi ruħek u kif tibni l-argumenti tiegħek.**

**L-IDENTITÀ MALTIJA FL-EWROPA**



*(Sors: https://www.adobe.com/products/firefly.html)*

**Mistoqsijiet tal-eżaminatur/eżaminatriċi:**

1. Iddeskrivi dan ir-ritratt.
2. X'jagħmilna differenti minn popli oħra Ewropej?
3. Taħseb li xi darba nistgħu nitilfu l-identità tagħna? Għaliex?
4. Tħoss li d-disinji differenti fil-bnadar jistgħu jwasslu xi messaġġ?
5. X'tissuġġerixxi li jagħmlu l-awtoritajiet lokali biex Malta żżomm l-identità tagħha?
6. Kif taħseb li se tkun Malta għoxrin sena oħra?

**Jekk użajt xi karti separati għal xi noti nitolbok tħallihom hawn.**

**Grazzi ħafna. L-eżami tat-taħdit tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2025**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **SESSJONI 1** |
| KARTA NUMRU: | II – Livell 2-3 (It-Taħdit) | |
| TUL TA' ĦIN: | madwar 10 minuti | |

**IL-KARTA TAL-KANDIDAT**

**It-Taħdit** **(Total: 12-il marka)**

**Istruzzjonijiet għall-kandidati: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA**

F'dan l-oral, int se tiġi eżaminat għall-ħiliet tiegħek fit-tħaddim ta' reġistri differenti, għall-mod kif tesprimi ruħek, għas-sekwenza tal-ideat, u l-ħila li tibni argument loġiku.

Waqt l-eżami inti se tintalab mill-eżaminatur/eżaminatriċi biex
- taqra tgħajjat paragrafu ta' madwar 100 kelma;
- twieġeb b'mod orali l-mistoqsijiet fuq din is-silta u fuq stampa.

Għandek madwar għaxar minuti ta' preparazzjoni sabiex tara kemm il-paragrafu, is-silta, kif ukoll il-mistoqsijiet.

**Baned u Briju - Il-Fondi Ewropej b'Appoġġ għall-Festi Maltin**

Hekk kif is-sajf jidħol fl-aqwa tiegħu, il-preparamenti għall-festi f'Malta u Għawdex jibdew għaddejjin ġmielhom.

Matul il-ġimgħat li ġejjin, ħafna minna se nkunu qed ingawdu dawn il-festi, hekk kif l-irħula u l-bliet tagħna jilbsu l-libsa tal-festa bit-tiżjin tradizzjonali bil-pavaljuni, id-dwal u l-marċi tal-baned.

Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet huma r-riżultat ta' sforzi ta' sena sħiħa ta' xogħol minn diversi voluntiera f'diversi għaqdiet f'kull lokalità.

L-impenn u d-dedikazzjoni tal-voluntiera f'diversi għaqdiet, bħall-każini tal-banda, jassiguraw li l-festa tradizzjonali Maltija tibqa' tiġi ċċelebrata filwaqt li jiġi ppreservat il-wirt uniku u l-identità kulturali tagħna.

Bħal kull għaqda volontarja oħra, il-każini tal-banda wkoll jiffaċċjaw ħafna sfidi biex ikunu jistgħu jsostnu l-operat tagħhom, primarjament minħabba n-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji u umani. L-Unjoni Ewropea (UE) tirrikonoxxi l-irwol importanti li dawn l-għaqdiet għandhom fil-komunitajiet tagħna, b'mod partikolari fil-preservazzjoni u l-promozzjoni tal-kultura u l-wirt tagħna bħall-Festa Maltija, li wkoll ġiet rikonoxxuta mill-UNESCO bħala wirt kulturali intanġibbli tal-umanità.

Għaldaqstant, matul is-snin il-fondi Ewropej intużaw ukoll biex jagħtu appoġġ lill-każini tal-banda madwar Malta u Għawdex, bl-għan li t-tradizzjonijiet Maltin jinżammu ħajjin u jibqgħu jitgawdew mill-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

Matul is-snin, Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) għenet lil bosta każini tal-banda minn diversi lokalitajiet biex japplikaw b'suċċess għall-fondi Ewropej biex iwettqu diversi proġetti li mingħajr dan l-appoġġ ma kinux ikunu possibbli.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

SEM assistiet diversi każini tal-banda u soċjetajiet mużikali biex jiksbu fondi Ewropej biex jirrestawraw u jippreservaw il-bini tagħhom. Fosthom insibu lill-Għaqda Mużikali San Ġużepp, ta' Ħal Għaxaq, li bl-għajnuna ta' SEM kisbet fondi Ewropej biex tiġi restawrata l-koppla tal-każin. Fil-każin eżistenti tal-Għaqda, tinsab koppla prominenti mżejna b'disinji minn artisti lokali, li matul is-snin ġarrbet ħsarat sinifikanti minn elementi naturali u nuqqas ta' ventilazzjoni. Permezz tal-fondi Ewropej, il-kumitat tal-Każin tal-Banda sewwa l-ħsarat strutturali u wara sar ix-xogħol tar-restawr tad-disinji u tal-pitturi tal-koppla.

*(Sors: Artiklu ppubblikat fuq tvmnews.mt)*

**A. Taħriġ ta' qari mgħajjat meħud mill-istess silta li għadek kif qrajt.** (2 minuti, 2 marki)

Bħal kull għaqda volontarja oħra, il-każini tal-banda wkoll jiffaċċjaw ħafna sfidi biex ikunu jistgħu jsostnu l-operat tagħhom, primarjament minħabba n-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji u umani. L-Unjoni Ewropea (UE) tirrikonoxxi l-irwol importanti li dawn l-għaqdiet għandhom fil-komunitajiet tagħna, b'mod partikolari fil-preservazzjoni u l-promozzjoni tal-kultura u l-wirt tagħna bħall-Festa Maltija, li wkoll ġiet rikonoxxuta mill-UNESCO bħala wirt kulturali intanġibbli tal-umanità.

Għaldaqstant, matul is-snin il-fondi Ewropej intużaw ukoll biex jagħtu appoġġ lill-każini tal-banda madwar Malta u Għawdex, bl-għan li t-tradizzjonijiet Maltin jinżammu ħajjin u jibqgħu jitgawdew mill-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

**B. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.** (4 minuti, 5 marki)

Aqra sew dawn il-mistoqsijiet u pprepara t-tweġibiet għalihom biex tiddiskutihom mal-eżaminatur/eżaminatriċi. Tista' tikteb xi noti fuq **KARTA SEPARATA** biex tużahom waqt id-diskussjoni. Biex tissostanzja t-tweġibiet tiegħek, tista' tikkwota mis-silta.

1. Għaliex taħseb li l-volontiera huma importanti għall-festi Maltin?
2. Għaliex taħseb li l-Unjoni Ewropea tagħti fondi lill-każini tal-banda?
3. Taqbel li fondi Ewropej jintefqu fuq proġetti kulturali? Għaliex?
4. Immaġina li tingħata somma flus biex tonfoqha fi proġett fil-komunità tiegħek. Fiex tagħżel li tonfoqha u għaliex?

**Ċ. Diskussjoni fuq Stampa.** (4 minuti, 5 marki)

Mal-eżaminatur/eżaminatriċi se tiddiskuti din l-istampa t'hawn taħt. L-eżaminatur/eżaminatriċi j/tista' j/tagħmillek xi mistoqsijiet biex j/tgħinek tiżviluppa l-argument/ħsieb tiegħek. Qis li titkellem b'Malti tajjeb u idjomatiku.

**L-IDENTITÀ MALTIJA FL-EWROPA**



*(Sors: https://www.adobe.com/products/firefly.html)*

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2025**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – Livell 1-2-3 (Is-Smigħ) |
| DATA: | 10 ta' Mejju 2025 |
| TUL TA' ĦIN: | 25 minuta |

## IL-KARTA TAL-EŻAMINATUR

**Is-Smigħ** **(Total: 20 marka)**

### Il-Proċedura:

1. Il-kandidati jiġu mistiedna jaraw l-eżerċizzji li huma mistennija li jaħdmu fuq dik it-taqsima biss. Jingħataw madwar 5 minuti.
2. Il-kandidati jisimgħu l-qari tas-silta għall-ewwel darba, li jieħu madwar 5 minuti. Waqt dan il-qari, il-kandidati jistgħu jaħdmu l-eżerċizzji u/jew jieħdu xi noti.
3. Kif jintemm il-qari, il-kandidati jingħataw 5 minuti biex jaħdmu l-eżerċizzji. Il-mistoqsijiet u l-istruzzjonijiet ma jinqrawx.
4. Terġa' tinqara s-silta kollha għat-tieni darba u matulha l-kandidati jkunu jistgħu jkomplu jaħdmu/jimlew dak li ħallew vojt.
5. Jingħataw l-aħħar 5 minuti biex il-kandidati jtemmu l-eżerċizzji.

### Il-Korrezzjoni u l-Għoti tal-Marki

Il-korrezzjoni tal-eżerċizzji ssir skont l-iskema tal-marki pprovduta u l-kriterji msemmijin fis-sillabu. F'din l-iskema, barra t-tweġibiet tajbin tal-mistoqsijiet, jinstabu wkoll xi kummenti u linji gwida għall-eżaminaturi biex jgħinuhom fil-korrezzjonijiet tagħhom.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## It-Teatru u t-Teatrin

Ommi kienet tħobbu t-teatrin. Kienet tħobb ukoll it-talkies, għax l-istejjer kienet togħxa tarahom u tismagħhom. Iżda t-teatrin kienet tħobbu għax ma kellha bżonn lil ħadd min joqgħod jittraduċilha kliem l-atturi. Kienet tħobb ukoll ir-radjudrammi, iċ-ċajt u l-istejjer ta' kull xorta, u l-qari tar-rumanzi fuq ir-Rediffusion. Iżda t-teatrin kienet tħobbu aktar għax l-atmosfera mħarrka, kultant bla sabar, tan-nies ordinarji kienet togħġobha. Meta kien jinstema' xi kumment spontanju u f'waqtu jgħajjat mill-udjenza, daqqa kienet togħxa bid-daħk u daqqa tirrabja għax ikun tellfilha xi battuta jew kelma mid-djalogu ta' attur. Missieri kien jaqta' l-biljetti mal-ewwel jum biex jilħaq il-postijiet ta' quddiem nett, għax hemmhekk kienet tħobb toqgħod. Dan jiffrankalna noqogħdu fir-rassa tal-kju dakinhar tar-reċta, għax nibqgħu deħlin dritt u naqbżu lil dawk kollha li jkunu għad iridu jaqtgħu.

Meta tibda r-reċta, kien jaqa' skiet kbir malli jinxtegħel il-palk u jintfew id-dwal tas-sala. U allaħares xi ħadd iħaxwex xi karta! Anke dawk li jpejpu, kienu jaraw li jqabbdu wieħed eżatt qabel jibda d-diskors tal-ftuħ fuq il-palk. Il-bidu kien sagru. Iżda mbagħad, waqt ir-reċta, kulħadd igerrem u jmeċlaq. L-hena tiegħi meta missieri jixtrili xi biċċa ċikkulata, għad li ma nafx għaliex kien jgħid 'biċċa' meta ċ-ċikkulata kienet tkun sħiħa! Waqt ir-reċta, ġieli kien ikun hemm xi ħadd mill-udjenza li jkellem jgħajjat lil xi attur jew jitfagħlu xi botta, u mhux l-ewwel darba li l-attur wieġbu. Ġieli kien ikun hemm l-ibbujar biex jippruvaw iwaqqgħu għaċ-ċajt lil dawk ta' fuq il-palk. U f'mumenti bħal dawn issib lil min jitpastaż ukoll u l-avveniment x'aktarx jispiċċa b'ħafna storbju, ħamallaġni u ssuttar ta' karti jew biċċiet tal-ikel. L-awtur ried jaħdem ħafna biex ma jissuttawhx.

Darba, is-sir tal-iskola qalilna fuq it-teatru tal-Belt, kemm kien sabiħ u kemm kienu jsiru drammi tajbin fih. U jien kont ipproċessajt f'moħħi, li 'teatru' u 'teatrin' kienu l-istess, u pront għedtlu li jien kont immur it-teatrin. Infexx jgħajjat għax it-teatrin tar-raħal kien 'ħmerija u ħamallu' u ma kellu x'jaqsam xejn mat-teatru tal-Belt. Jien tbikkimt u ridt l-art tiblagħni, iżda dik l-esperjenza tatni d-distinzjoni bikrija bejn it-teatrin, li kien 'ħmerija u ħamallu', forsi għax kien għall-popolin? U t-teatru li kien 'sabiħ u tajjeb', forsi għax kien għall-puliti?

*(Silta addattata mill-kitba ta' Charles Briffa f'Kitbiet dwar it-Teatrin, editjat minn Mario Azzopardi, 2010)*

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2025**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – Livell 1-2-3 |
| DATA: | 10 ta' Mejju 2025 |
| TUL TA' ĦIN: | Sagħtejn u 5 minuti |

**Taqsima A: Is-Smigħ** **(Total: ☐ | 20 marka)**

Wieġeb skont kif mitlub.

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba.

Il-frażi 'l-istejjer togħxa tarahom u tismagħhom' tfisser

a. tiddejjaq tara u tisma' l-istejjer.
b. tieħu gost kbir bl-istejjer.
ċ. tant teċita ruħha bl-istejjer li jtiha ħass ħażin. (1)

2. Agħżel it-tweġiba t-tajba.

It-teatrin kellu 'atmosfera mħarrka' tfisser

a. udjenza ħajja, storbjuża u tipparteċipa kontinwament.
b. serjetà u silenzju kontinwu min-nies tul ir-reċta kollha.
ċ. udjenza li tinbidel minn ħin għall-ieħor waqt ir-reċta. (1)

3. Qabbel il-kolonni skont dak li smajt fis-silta.

| | | |
|---|---|---|
| a. biljetti | | L-udjenza tidħol fin-nofs u titkellem dirett mal-attur. Xi drabi biex tmerih u twaqqgħu għaċ-ċajt. |
| b. skiet | | Fil-bidu tar-reċta biex ikunu jafu s-suġġett tagħha. |
| ċ. botta | | Storbju, tisfir u tgħajjir għall-attur li ma jingħoġobx jew jiżbalja. |
| d. ibbujar | | Il-missier kien jixtrihom minn qabel biex jilħqu quddiem. |

(4)

4. a. X'dilemma kien jidħol fiha l-awtur meta missieru jixtrilu ċ-ċikkulata?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

***Din il-mistoqsija tkompli fil-paġna li jmiss.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

b. Għaliex taħseb li 'l-bidu kien sagru'?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(1)

5.a. X'kienu jagħmlu xi atturi meta xi ħadd iwaqqafhom f'nofs ir-reċta b'xi kumment?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(1)

b. Agħti mod **WIEĦED** kif kienet turi n-nuqqas ta' apprezzament tagħha l-udjenza lejn l-atturi ta' fuq il-palk?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

6. Ikteb jekk hux Veru jew Falz u għaliex taħseb hekk.

| | Veru jew Falz |
|---|---|
| a. L-attur fuq il-palk ried jaħdem ħafna biex ma jissuttawhx. | |
| Għaliex? | |
| b. L-awtur minn dejjem kien jaf li hemm teatru kbir il-Belt. | |
| Għaliex? | |
| ċ. Għall-awtur, ma kienx hemm distinzjoni bejn teatru u teatrin. | |
| Għaliex? | |
| d. L-għalliem tal-awtur ma tantx kellu grazzja mat-teatrin tar-raħal. | |
| Għaliex? | |

(4)

7. a. Agħti t-tifsira tal-kelma "ħamallu", skont kif użata fil-kuntest tas-silta li smajt.

______________________________________________________________________(1)

b. X'distinzjoni soċjali skopra l-awtur marbuta mal-kelmiet 'teatru' u 'teatrin'?

______________________________________________________________________(1)

8. X'taħseb li huwa l-valur ta' din is-silta llum il-ġurnata?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

**Taqsima B: Il-Kitba** **(Total: ☐ | 20 marka)**

**Ikteb bejn 240-300 kelma fuq WIEĦED minn dawn it-titli:**

1. L-aħħar tixjira int u sejjer f’post imbiegħed. Ikteb **rakkont fittizju** b’dan it-titlu.
2. Bħalissa għaddejja diskussjoni nazzjonali fuq il-kontroll tal-popolazzjoni fil-gżejjer Maltin. Ikteb **artiklu** bl-opinjonijiet tiegħek fuq kif taħsibha inti fuq dan is-suġġett.
3. Ikteb **ittra informali** lill-ħabib/a tiegħek biex tiddeskrivi l-esperjenza li kellek meta ġejt wiċċ imb wiċċ mal-attur favorit /attriċi favorita tiegħek.
   L-indirizz tiegħek: 6, Dar il-Hena, Triq il-Moll, il-Marsa, MRS 1050. L-isem tiegħek: Mark/Marta.
4. Sarah Cefai hija voluntiera li tmexxi dar ta’ kenn għall-annimali mitluqa barra. Ikteb **intervista** li għamilt lil Sarah Cefai li fiha, hija tispjega lill-qarrejja l-ħidma, l-isfidi u s-suċċessi li jkollha f’din il-ħidma tagħha.

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**Taqsima Ċ: Il-Qari** **(Total: ☐ | 20 marka)**

**Veġetarjaniżmu, Ġdur, Basal u Zunnarija**

Il-veġetarjaniżmu! Proprju l-ġimgħa l-oħra ġie f'idejja manifest maħruġ mis-Soċjetà Internazzjonali tal-Veġetarjani, li f'lista twila ta' raġunijiet li telenka l-għaliex m'għandniex nieklu laħam, jissemmew fost ħwejjeġ oħra: il-moħqrija tal-annimali, l-avvelenament tad-demm, il-ħsara li jagħmlilna laħamhom, il-kanċer, it-tensjoni, l-istress,...eċċetra, eċċetra. Skont dan il-manifest, id-dinja tagħna tinsab maħkuma minn flaġell sħiħ minħabba li aħna qegħdin noqtlu l-annimali u nikluhom. U dejjem skont dan il-manifest, jekk nibdew nieklu l-frott u l-ħxejjex, ħafna mill-mard jogħsfor, nibdew ngħixu ħajja itwal u aktar b'saħħitha, u kważi kważi d-dinja tinbidel f'ġenna tal-art.

U għalhekk, illum, għeżież ħbieb tiegħi, jien iddeċidejt li nkellimkom b'wiċċi minn quddiem biex nurikom kemm dan kollu huwa biss ħrafa. Gidba minn dawk il-kbar. Jekk xi veġetarjan jaħseb li għax jastjeni mil-laħam se jgħix ħajja itwal, ngħidlu li tassew sejjer imqarraq. Nista' nissupplixxih b'lista ma tispiċċa qatt ta' nies li nafhom jiena personalment, li qabżu t-tmenin sena u li kienu karnivori aktar mit-T.Rex. Insemmi biss l-għażiż Ziju Tumas, dak li kien iberfel[1] ix-xarabanks u jisfuma l-pavaljuni, li l-uniċi ħxejjex li kien jiekol kienu biss it-tadam u l-patata; mill-bqija d-dieta tiegħu kienet tikkonsisti biss f'kustilji tal-majjal, zalzett tal-Malti, mazzit, tiġieġ u fniek. U miet ta' sebgħa u tmenin sena neqsin xahar u nofs!

Il-vegetarjani jgħidulna li m'għandniex dritt noqtlu l-bhejjem u nikluhom għax dawn għandhom jedd daqsna għall-ħajja, għax dawk iħossu, ibatu u jweġġgħu. Imma, allura, għeżież veġetarjani ta' qalbi, min qalilkom li l-ħxejjex m'għandhomx ukoll l-istess drittijiet għall-għajxien? Min qalilkom li dawn ma jħossux u ma jweġġgħux?

Qatt ħsibtu x'martirju tgħaddi minnu dik il-povra zunnarija? Lil din noqtluha bil-mod il-mod, naqtgħuha mill-għeruq meta nifirduha minn ommha, inqaxxruha ħajja u nqattgħuha roti roti biex imbagħad nixħtuha fuq nar bati? Imma peress li z-zunnarija m'għandhiex ras u jdejn u saqajn bħalna, peress li ma tnixxix demm u ma twerżaqx, sħabna l-veġetarjani jistgħu faċilment iraqqdu l-kuxjenza tagħhom. Waqt li qalbhom treqq[2] li jieklu gamblu, ma jiddejqu xejn jimmassakraw il-ġdur u l-basal u l-kaboċċi u lill-imsejkna zunnarija.

*(Addattament mill-ktieb Bizzilla ta' Trevor Żahra, 2013)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

1. Imla l-vojt biex is-sentenza tagħmel sens skont dak li qrajt.

a. Din is-silta titkellem fuq id-dieta ________________________________________ (1)

b. Il-veġeterjani jemmnu li l-bniedem għandu jiekol biss __________________________ (1)

---

[1] It-tberfil huwa x-xogħol tad-disinji kkuluriti li kien ikollhom ix-xarabanks u t-trakkijiet fl-imgħoddi quddiem u mad-dawra kollha tagħhom.
[2] Jaħsbuha darbtejn.

2. a. Il-kelma 'manifest' kif użata fis-silta tfisser ______________________ (1)

b. Bil-frażi 'ġenna tal-art' l-awtur irid ifisser ______________________ (1)

3. Agħżel it-tajba skont dak li qrajt.

a. Minn dan l-artiklu, ninduna li l-awtur (jaqbel ħafna, ma jaqbel xejn, ma jurix opinjoni) fuq l-istil ta' ħajja li jridu jgħixu l-veġetarjani. (1)

b. Dan l-artiklu jieħu x-xejra ta' (rakkont, taħdita, djalogu). (1)

4. Għaliex taħseb li l-awtur isemmi l-eżempju ta' zijuh biex isaħħaħ l-argumenti tiegħu?

______________________

______________________ (2)

5. Lil min qed jindirizza dan it-test? X'taħseb li hu l-iskop tal-awtur f'dan it-test?

______________________

______________________ (2)

6. X'inhu l-fatt ewlieni li jargumenta kontrih l-awtur fl-aħħar żewġ paragrafi tas-silta?

______________________

______________________

______________________ (2)

7. Kif taħseb li t-ton sarkastiku li juża l-awtur fis-silta jgħinu jwassal aħjar il-fehma tiegħu? Agħti **ŻEWĠ** eżempji fejn jintuża dan it-ton.

______________________

______________________

______________________

______________________

______________________

______________________ (4)

8. F'madwar **30 kelma**, agħmel taqsira tal-punti ewlenin tas-silta.

______________________

______________________

______________________

______________________

______________________ (4)

**Taqsima D: Il-Metalingwa** **(Total: ☐ 20 marka)**

**A. Il-Morfoloġija** **(10 marki)**

Immarka it-tweġiba t-tajba billi taqta' linja taħtha.

1. L-aġġettiv komparattiv ta' ikrah huwa
a. iktar ikrah
b. ikrah ħafna
ċ. ikreh minn
d. ikrah minn. (1)

2. Iz-zokk morfemiku ta' 'riċiklaġġ' huwa
a. riċikl
b. riċikla
ċ. riċiklar
d. riċ. (1)

3. L-għerq tal-verb 'tnieda' huwa
a. T-N-D
b. T-N-J
ċ. T-D-J
d. N-D-J. (1)

4. '102 qtates' tingħad
a. mitt qattus u tnejn
b. mija u tnejn qtates
ċ. mija u żewġt iqtates
d. mija u żewġt qtates. (1)

5. 'Dgħufija' hija nom
a. astratt
b. konkret
ċ. propju
d. kollettiv. (1)

6. Il-verb ‘erġa’ pprova’ huwa fit-temp

a. perfett

b. imperfett

ċ. imperattiv

d. futur. (1)

7. Fis-sentenza ‘Ilbieraħ mar id-dawl fir-raħal’, liema hu l-avverbju?

a. Ilbieraħ

b. mar

ċ. id-dawl

d. fir-raħal. (1)

8. ‘Jiena’ huwa pronom

a. dimostrattiv

b. personali

ċ. mehmuż

d. riflessiv. (1)

9. Il-verb ‘sfar’ huwa

a. fit-tielet forma.

b. fil-ħames forma

ċ. fis-seba’ forma

d. fid-disa’ forma. (1)

10. L-artiklu indefinit fis-sentenza ‘Ġiet waħda mara tħabbatli...’ huwa

a. Ġiet

b. waħda

ċ. mara

d. tħabbatli. (1)

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**B. L-Ortografija** **(10 marki)**

Sib l-iżball li hemm f'kull sentenza, immarkah b'linja taħtu u iktbu tajjeb fil-linja pprovduta.

**Eż. Fid-dinja hawn wisq gwerrer għaddejjin.** ________**gwerer**________

1. Irridu nitilqu issa għax Alla ħares naslu tard għall-eżami. ____________________________ (2)
2. L-aħwa, waranofsinhar eżatt, kunu ħdejn l-iskola. ____________________________ (2)
3. Rajt ħafna uċuħ ġodda waqt l-eżami. ____________________________ (2)
4. Il-karozza tal-linja tgħaddi kull nofsiegħa.____________________________ (2)
5. Għoddhom qatgħu qalbhom li jaslu u abbli m'humiex ġejjin. ____________________________ (2)

**Taqsima E: Il-Letteratura** **(Total: ☐ 20 marka)**

**AGĦŻEL BEJN A (*Hemm Art fil-Folja*) JEW B (*Bejn Ħaltejn*)**

**A. Referenza għall-Kuntest fuq test letterarju minn *Hemm Art fil-Folja***

Aqra sewwa l-poeżija *Bħal Minutiera* ta' *Lilian Sciberras* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.

Bħal minutiera
ta' arloġġ li waqaf jaħdem,
moħħi, bla ma nitolbu
iterraq lura fis-snin mgħoddija
fejn jgħix, għal ftit,
il-kenn u l-għożża tat-tfulija
u l-ġabra, u l-għaqda, u t-tinbix
ta' aħna w nitrabbew.

U issa li minn sebgħa bqajna tnejn,
it-tifkiriet saru bħal ħjut tad-
deheb, u l-vojt ta' dak li nsejna tul
is-snin qisu bħal għoqda li
b'paċenzja kbira trid tinħall biex
tgħid ġrajjietha.

U l-memorji, bħal minutiera tal-arloġġ,
iffriżati ġo xi ittra jew ritratt -
għalkemm jiċparu ta' kuljum -
jirnexxilhom xorta waħda jqanqlu t-togħma,
imqar biex nikkonferma x'mingħalija,
li tassew jiena kont għext is-snin dehbija
li bla ma nkun nistenna jistenbħu ġewwa fija.

**Wieġeb**:

1. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba.

   Din il-poeżija hija (Romantika, Moderna, Tradizzjonali). (2)

2. Liema hija t-tema ewlenija ta' din il-poeżija?

   ____________________ (2)

3. Tkellem fuq il-metrika tal-poeżija.

   ____________________ (2)

4. Għaliex taħseb li l-poetessa tħaddem kliem bħal kenn, għożża, ġabra, tinbix f'din il-poeżija?

   ____________________

   ____________________ (3)

5. Il-poetessa toħroġ il-kuntrast bejn il-memorji fiżiċi u l-memorji astratti. Iddeskrivi kif il-poetessa turi din il-kwalità, b'eżempji mill-poeżija.

   ____________________

   ____________________ (3)

6. Is-similitudni bħal "ħjut tad-deheb" u l-metafora "għext is-snin dehbija" jikkumplimentaw lil xulxin f'din il-poeżija. Ikkummenta dwar l-effett tagħhom fuq il-qarrej u l-poeżija.

   ____________________

   ____________________ (3)

7. F'madwar **100 kelma**, analizza l-mod kif il-poetessa twassal il-ħsieb ewlieni ta' din il-poeżija u spjega kif din il-poeżija tirrelata mal-esperjenzi tiegħek.

   ____________________

   ____________________

   ____________________

   ____________________

   ____________________

   ____________________

   ____________________

   ____________________

   ____________________ (5)

**JEW**

**B. Referenza għall-Kuntest fuq test letterarju minn *Bejn Ħaltejn.***

Aqra sewwa l-poeżija *Quo Vadis* ta' *Rużar Briffa* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

Weħidha
fuq l-għolja ġeblija,
imbiegħda mill-bqija ta' ħutha
fil-qalb ħadranija
tal-wied,
ix-xwejħa ħarruba,
magħtuba
mit-toqol tas-snin,
qed tħares madwarha
ħa tara
il-għaġla tan-nies għaddejjin.

...U taħseb:
kemm huma mgħaġġlin,
fejn huma sejrin
għal dejjem bla sabar
min-nieqa sal-qabar
dal-ħalja bnedmin?
Fejn huma l-għeruq?
Qatt lilhom ma trażżan il-bewsa tar-riħ?
Qatt lilhom ma tlajjem is-sħana tax-xemx?
Għaliex ftit mistrieħ
għalihom ma hemmx,
u l-lehma biss tagħhom
il-ħajja tas-suq?

**Wieġeb**:

1. Identifika u ikteb it-tema ewlenija ta' din il-poeżija.

____________________________________________________________ (2)

2. Sib u kkwota personifikazzjoni mill-poeżija.

______________________________________________________________

____________________________________________________________ (2)

3. Tkellem fuq il-metrika ta' din il-poeżija.

______________________________________________________________

____________________________________________________________(2)

4. Għaliex taħseb li l-poeta jiddedika kważi l-ewwel strofa biex jiddeskrivi l-ambjent fejn tinsab il-ħarruba?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (3)

5. Tkellem dwar il-kuntrast li hemm fir-ritmu fl-ewwel u fit-tieni strofa b'rabta mat-tema ewlenija tal-poeżija.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (3)

6. Għid x'qed tinnota fil-mistoqsijiet rettoriċi filwaqt li tevalwa l-effett li jħallu fuq il-qarrej?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (3)

7. F'madwar **100 kelma**, analizza l-mod kif jaħsibha l-poeta, speċjalment lejn tmiem il-poeżija, u kif dan jista' jirrelata mal-esperjenza tiegħek.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________(5)

# Paġna Vojta

# Paġna Vojta

# Paġna Vojta

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2025**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II – Livell 1-2 |
| DATA: | 10 ta' Mejju 2025 |
| TUL TA' ĦIN: | Sagħtejn u 5 minuti |

**Taqsima A: Il-Kitba** **(Total: ☐ / 22 marka)**

**Ikteb bejn 240 u 270 kelma fuq WIEĦED minn dawn it-titli:**

1. Ikteb **djalogu** bejn żewġ żgħażagħ li għexu żmien il-pandemija u qed jirrakkontaw x'għamlu meta ma setgħux joħorġu mid-dar.
2. In-nannu tiegħek iċċelebra s-sebgħin sena tiegħu. Ikteb **ittra elettronika** lill-kuġin tiegħek li jgħix l-Awstralja sabiex tiddeskrivilu l-atmosfera li kien hemm waqt il-festin sorpriża li għamiltulu.
   L-isem tiegħek: Mark/Marta Bajada – L-indirizz elettroniku tiegħek: mar@skola.com
   L-isem tal-kuġin: Matthew Curmi – L-indirizz elettroniku tiegħu: matt@eduk.com
3. Ħafna mil-logħob diġitali jinkludi fih xeni u azzjonijiet ta' ġlied u vjolenza. Ikteb **artiklu argumentattiv** li fih turi l-argumenti favur u l-argumenti kontra dan il-logħob.
4. It-tniġġis tal-arja qiegħed kulma jmur dejjem jiżdied. Ikteb **taħdita** dwar il-kawżi u l-konsegwenzi ta' din il-problema.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU

TIKTIBX F’DAN L-ISPAZJU

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**Taqsima B: Il-Qari** **(Total: ☐ | 22 marka)**

**Il-Festa Maltija**

Tista' tgħid li matul is-sajf, kważi f'kull belt u raħal f'Malta u f'Għawdex tiġi ċċelebrata xi festa ad unur il-qaddis jew il-qaddisa ta' dik il-lokalità. F'ċerti lokalitajiet jiġu ċċelebrati saħansitra żewġ festi minflok waħda.

Ħadd wara Ħadd, raħal wara l-ieħor, jilbes il-libsa tal-festa biex jiċċelebra l-festa tal-patrun jew patruna. It-toroq jiżżejnu bil-pavaljuni, bandalori, liedna, u statwi tal-anġli u l-qaddisin. Il-misraħ kwiet tar-raħal jibda jieħu l-ħajja bit-tiżjin u l-armar. Is-skiet ta' filgħaxija jinkiser mill-ħoss tal-banda u l-briju taż-żgħażagħ, u l-faċċata tal-knisja tinxtegħel biex issir l-attrazzjoni ewlenija fil-misraħ.



*(Sors: www.shutterstock.com)*

L-ilwien tal-murtali jdawlu l-lejl u r-riħa tal-qali mill-gabbani tal-ikel titħallat mar-riħa tal-porvli tal-logħob tan-nar. U mbagħad jasal il-jum tant mistenni, meta l-istatwa tal-patrun jew patruna terġa' tixref fil-bieb prinċipali tal-knisja akkumpanjata mid-daqq tal-qniepen u ċ-ċapċip tal-folla.

Imma lil hinn mill-misraħ, fid-djar tal-belt u r-raħal, naraw il-familja tingħaqad u l-membri tal-familja li jgħixu fi rħula 'l bogħod jingħaqdu ma' familjari oħra, u jerġgħu jinġabru imqar għal lejla waħda lejn l-għeruq tagħhom.

Il-festa hija għalhekk parti mill-identità tagħna għaliex tagħġen flimkien il-kultura popolari u reliġjuża tal-gżejjer Maltin. Il-festa tinsab f'demmna. Malta mingħajr festi ma tibqax Malta.

Ħafna nies, fosthom ħafna żgħażagħ, jgħixu għall-jiem tal-festa u b'ħafna dedikazzjoni jaħdmu b'mod volontarju matul is-sena kollha sabiex il-festa tkun waħda mill-aqwa, u li tista' titgawda wkoll mit-turisti li jżuru pajjiżna. Dawn iż-żgħażagħ, ikunu involuti wkoll f'għaqdiet u kumitati li jieħdu ħsieb l-armar u l-attivitajiet esterni tal-festa. Il-każini tal-banda wkoll għandhom rwol importanti fl-organizzazzjoni tal-festa, u jħeġġu żgħażagħ sa minn età żgħira ħafna sabiex jitgħallmu xi strument mużikali. Żgħażagħ oħrajn iġibu l-liċenzji meħtieġa u jinvolvu ruħhom fil-preparamenti u l-manifattura tal-logħob tan-nar.

F'Diċembru tal-2023, il-festa Maltija ġiet rikonoxxuta bħala Wirt Intanġibbli tal-Umanità mill-UNESCO. B'hekk, u kif inhu xieraq, dak li għaddewlna missirijietna se jgħaddi wkoll għand uliedna u wlied uliedna. Dan ir-rikonoxximent internazzjonali jkompli jagħmel il-festa Maltija festa unika, u tkun okkażjoni li tħajjar aktar turisti jżuru pajjiżna.

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

1. **Aqta' linja taħt ir-risposta t-tajba:**

a. L-istaġun tal-festi f'Malta huwa
i. ix-xitwa.
ii. ir-rebbiegħa.
iii. is-sajf.

b. Il-festa Maltija tiċċelebra
i. qaddis jew qaddisa.
ii. persuna mil-lokalità.
iii. l-familja Maltija. (2)

2. Ikteb **TLIET** affarijiet li qed tara fl-istampa u li jissemmew ukoll fil-kitba.

a. ______________________________

b. ______________________________

ċ. ______________________________ (3)

3. a. Agħti kelma oħra flok **misraħ**.

______________________________(2)

b. Fisser: Il-patruna **terġa' tixref** mill-bieb prinċipali.

______________________________(2)

4. Imla l-vojt skont dak li qrajt. (3)
Meta mmorru fil-pjazza waqt festa Maltija:

| | | |
|---|---|---|
| **Naraw** | i. | ii. |
| **Nisimgħu** | i. | ii. |
| **Inxommu** | i. | ii. |

5. Għaliex il-jiem tal-festa huma importanti għall-familji Maltin?

______________________________

______________________________ (2)

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

6. Niżżel **TLIET** affarijiet li jinvolvu ruħhom fihom iż-żgħażagħ fil-festa.

a. ___________________________________

b. ___________________________________

ċ. ___________________________________ (3)

7. Għaliex taħseb li l-kittieb jgħid "Malta mingħajr festi ma tibqax Malta"?

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________(2)

8. a. Skont is-silta, għaliex huwa xieraq illi l-festa Maltija ġiet rikonoxxuta bħala wirt tal-UNESCO?

_______________________________________________________________________________(1)

b. X'taħseb li jagħmel il-festa Maltija differenti minn festi oħra simili barra minn Malta?

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________(2)

**Taqsima Ċ: Il-Metalingwa** **(Total: ☐ / 22 marka)**

Il-Kandidati jridu jwieġbu żewġ eżerċizzji; eżerċizzju tal-morfoloġija u eżerċizzju tas-semantika.

**Il-Morfoloġija** (12-il marka)

A. Imla l-vojt skont il-kuntest. Waħda hija mogħtija bħala eżempju.

**L-Effetti tal-Gwerra**

Kienet waħda mill-**ġranet** (plural sħiħ ta' *ġurnata*) koroh ta' Frar. Is-sema kien imsaħħab, l-arja __________ (parteċipju passiv ta' *ċpar*) u bi sħab iswed. Kull fejn tħares dwejjaq u tkissir; tama ma kienx baqa'; ________ (nom min *qata'*) il-qalb u biża' kienu ________ (il-verb *ħakem* fit-tielet persuna plural) fuq in-nies. Kull fejn wieħed kien __________ (it-tieni forma tal-verb *dar fl-imperfett*) għajnejh ma kienx jara ħlief dwejjaq u swied il-qalb: tfal kwieti, irġiel ħosbiena, nisa mbikkma. Malta kienet __________ (parteċipju passiv minn ħakem) minn dwejjaq kbar u qlub il-Maltin kienu donnhom __________ (5 forma tal-verb *dakkar*) mill-inkwiet li kien isaltan fuq din il-gżira. Fil-ġnien tal-Mall iltaqgħu bla ħsieb __________ (3) żgħażagħ li għalkemm donnhom ma xtaqux idumu jiġru barra, wieħed __________ (verb mill-għerq STGĦ) jaħseb li f'qalbhom xtaqu li jqattgħu ftit ħin flimkien. Għall-ewwel bħal tgerfxu u baqgħu inċerti jekk jiqfux ikellmu lil xulxin jew isellmux biss u jibqgħu sejrin, iżda mbagħad iż-żgħażagħ donnhom rebħu lilhom infushom, bexxqu _________ (il-fomm tagħhom) u fetħu __________ (il-qalb tagħhom). Ma damux wisq però li ma reġgħetx _________ (*instema'* fit-tielet persuna singular femminil) is-sirena u telqu jiġru lejn ___________ (superlattiv ta' *qrib*) xelter.

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**Is-Semantika** (10 marki)

B. Aqta' linja taħt il-kelma t-tajba li toqgħod fil-kuntest.

**Eż. Kien il-(ħadt, <u>Ħadd</u>) meta ġara dak l-inċident fatali ġewwa Ta' Qali.**

1. Ommi (għadha, għada) ma ġietx mix-xogħol għax inqabdet fit-traffiku.
2. Darba fix-(xagħar, xahar) immur nagħmel xirja tajba.
3. L-iskultura hija (sena, sengħa) li tirrikjedi paċenzja kbira.
4. Kien għoddu korra meta waqa' u ħabat rasu ma' (dar, dahar) is-siġġu.
5. Użajt (kollha, kolla) apposta biex inwaħħal l-injam.
6. Jekk ħadd ma jagħti (kas, każ), xejn ma jsir sew.
7. Hekk kif ħadet il-mediċina ħassitha (għar, agħar).
8. Meta (sema, sema') l-ħsejjes, il-kelb beda jinbaħ.
9. (Qgħadt, qadd) id-dar għax ħassejtni ma niflaħx.
10. Bdejna telgħin it-(telgħa, tela') lejn l-ogħla punt tal-muntanja.

**Taqsima D: Il-Letteratura** **(Total: ☐ | 22 marka)**

**Letteratura: Analiżi fuq test letterarju**

**Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

Kienet sabiħa.

Qalbu ħabbtet qawwi meta raha l-ewwel darba fuq ir-ramel jaħraq tal-Għadira. Għawwiema kemm tara b'għajnejk, tfal jilagħbu fil-baħar, jiġru wara xulxin fuq ir-ramel, iwaddbu ġebel tond u ċatt f'wiċċ il-baħar u jieħdu pjaċir jarawhom jaqbżu, żgħażagħ jitliegħbu f'ġemgħat, bejniethom koppji jinħabbu flimkien. Ix-xjuħ ixenglu rashom, jitkażaw, jinsew x'għamlu huma f'żgħożithom. Oħrajn l-aktar l-irġiel, jinsew għal dak il-ftit ħin li d-dinja ma ddumx ma tagħlqilhom biebha. Huma wkoll iridu jaqsmu mill-ferħ ta' dak il-mument.

Ta' dan kollu xejn ma kien qed jagħti kas. Ħsiebu waqaf fuqha biss. Kien għadu kif beda jċekċek xi ftit tax-xogħol fil-ħanut taż-żebgħa ta' missieru u beda jara xi sold fil-but. Issa ħass l-arja tal-libertà, ħassu sar raġel, beda jagħmilha mal-ħbieb u jqattgħu sa tard billejl fil-ħwienet.

Dik hi l-libertà li kull żagħżugħ ikun ilu jixxennaq għaliha meta joħroġ 'il barra mill-għatba ta' tfulitu. Ħarġa mal-ħbieb kienet tkun ta' kull nhar ta' Ħadd. Fil-jiem xitwin kienu jinġabru ġemgħa żgħażagħ u jitilqulha bil-mixi, mixjiet twal għal sigħat sħaħ lejn il-Manikata u Għajn Tuffieħa. Ġieli rħewlha lejn il-Buskett jew l-irdumijiet ta' Ħad Dingli. Fis-sajf ma kienx jiġi Ħadd li ma jqattgħuhx l-Għadira.

U kien proprju f'waħda minn dawn il-mawriet lejn l-Għadira li kien tefa' ħarstu fuqha.

*(Silta meħuda min-novella "Fil-fjur ta' Ħajjitha" ta' Ġużè Chetcuti)*

**Wieġeb:**

1. a. Minn dak li qrajt fis-silta, fejn taħseb li kien qiegħed il-karattru ewlieni?

_______________________________________________ (1)

b. Mid-deskrizzjoni li hemm f'linji 2 sa 7, ikkummenta dwar ir-relazzjoni bejn l-ambjentazzjoni u s-sitwazzjoni li jsib ruħu fiha l-karattru tas-silta.

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

2. a. Minn dak li qrajt dwar kif iż-żgħażagħ kienu jqattgħu żgħożithom, identifika ż-żmien li nkitbet fih din is-silta.

_______________________________________________ (1)

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

b. Spjega kif iż-żgħożija ta' dawn iż-żgħażagħ tirrelata jew le mal-esperjenzi tal-ħajja tiegħek.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________(1)

3. a. Ikkwota kelma onomatopejka f'linji 8 sa 10.

______________________________________________(1)

b. Tkellem dwar it-tifsira tagħha skont is-sens tas-sentenza.

______________________________________________ (1)

4. Fit-tieni paragrafu nsibu hekk: "...li d-dinja ma ddumx ma tagħlqilhom biebha."

a. X'figura tad-diskors qed tintuża?

______________________________________________(1)

b. Spjega kif qed titħaddem f'dan il-kuntest.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________(2)

**Letteratura: Il-Komponiment Letterarju**

Il-Kandidati jridu jwieġbu mistoqsija **WAĦDA** li tista' tkun jew mill-antoloġija **Hemm Art fil-Folja** jew mill-antoloġija **Bejn Ħaltejn**.

Agħżel mistoqsija **WAĦDA** u ikteb madwar 150 kelma. (12-il marka)

**Hemm Art fil-Folja**

1. Iddiskuti t-tip ta' relazzjonijiet li jesperjenzaw Maria Grech Ganado fil-poeżija "Ħuta" u Karmenu Vassallo fil-poeżija "Ħbiebi".

**JEW**

2. Uri kif l-aspett patrijottiku jispikka fil-poeżija "Għar Dalam" ta' Ġorġ Pisani u fis-silta "Nazju Ellul" ta' Ġużè Muscat Azzopardi.

**JEW**

**Bejn Ħaltejn**

3. It-tema tal-politika tispikka ħafna fin-novelli "Xtara l-ħut fil-Baħar" ta' Laurence Mizzi, u "Ċensina" ta' Lino Spiteri. Ikkummenta dwar kif din it-tema tidher fil-karattri prinċipali ta' dawn iż-żewġ novelli.

**JEW**

4. Fl-immigranti naraw ċertu tbatija, kemm fiżika kif ukoll emozzjonali. Ikteb kif it-tema tat-tbatija toħroġ fix-xogħlijiet "Refuġjata" ta' Mario Azzopardi u "Bl-Irħis" ta' Vince Vella.

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**TMIEM**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2025**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II – Livell 2-3 |
| DATA: | 10 ta' Mejju 2025 |
| TUL TA' ĦIN: | Sagħtejn u 5 minuti |

**Taqsima A: Il-Kitba** **(Total: ☐ | 22 marka)**

**Ikteb bejn 270 u 300 kelma fuq WIEĦED minn dawn it-titli:**

1. Fi tmiem il-ġimgħa li għaddiet, ingħaqadt ma' grupp ta' voluntiera li spiss jiltaqgħu sabiex jiġbru skart mit-toroq fil-lokalità tagħhom. Irrakkonta din l-esperjenza fid-**djarju** tiegħek.
2. Wara nuqqas kbir ta' xita, il-gżejjer Maltin intlaqtu minn maltempata li għamlet ħsarat kbar. Ikteb **rapport** li fih tiddeskrivi l-ħerba li ħallew l-ilmijiet u l-irwiefen madwar il-pajjiż.
3. Ikteb **taħdita** argumentattiva dwar is-sewqan tar-roti fit-toroq Maltin, sabiex tinqara fil-ftuħ ta' attività dwar it-trasport f'Malta.
4. Dieta bbilanċjata hija l-aqwa dieta li wieħed jista' jsegwi. Ikteb **editorjal** informattiv għal gazzetta tal-lokalità tiegħek dwar l-importanza ta' dieta bbilanċjata għal saħħitna.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU

TIKTIBX F’DAN L-ISPAZJU

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU

**Taqsima B: Il-Qari** **(Total: ☐ / 22 marka)**

**Illum se mmur thrifting!**

Ġieli smajt lil xi ħadd jgħid, "Sejjer thrifting?" X'aktarx f'qalbek tgħid x'sejjer jagħmel dan? Jew x'sejra tagħmel din? Huwa terminu li jintuża għal prattika li qed issir popolari ħafna barra minn pajjiżna u bil-mod il-mod qed taqbad f'pajjiżna wkoll.

It-thrifting mhuwa xejn ħlief li tmur tixtri minn post fejn jinbiegħu ħwejjeġ li jkunu diġà ntilbsu minn xi ħadd ieħor. F'dawn il-ħwienet jinbiegħu ħwejjeġ li sidhom ma kellux qalb jarmihom għar-raġuni li jkunu għal qalbu ħafna meta kien jilbishom jew għax ikunu għadhom tajbin, biex jerġgħu jintlibsu minn min għoġbu jerġa' jixtrihom.



*(Sors: www.shutterstock.com)*

Jekk tidħol f'wieħed minn dawn il-ħwienet tiltaqa' ma' nies li ġejjin minn oqsma differenti tal-ħajja. Ħafna drabi jkunu żgħażagħ li jkunu jridu jsibu dik il-biċċa ħwejjeġ li tesprimi l-personalità tagħhom, li meta jilbsuha jħossuhom kreattivi u oriġinali. Tiltaqa' ma' nies li jmorru thrifting sabiex ifittxu ħwejjeġ b'laqta artiġjanali u, jekk ikunu ffortunati, isibu wkoll ħwejjeġ iddisinjati u meħjuta minn disinjaturi famużi u ħwejjeġ milbusa minn personaġġi famużi.

Għalhekk, jekk iżżur dawn il-ħwienet, ma tmurx tfittex dak l-oġġett li għandek bżonn, imma tmur biex tgħarrex għal dik il-libsa jew aċċessorju li jolqtok dak il-ħin. Min jixtri minn dawn il-ħwienet jgħidlek li, apparti li tħoss sodisfazzjon li xtrajt xi ħaġa ġdida għalik, tħoss ukoll dak is-sodisfazzjon li rnexxielek issib xi ħaġa li se tkun qed tagħtiha ħajja ġdida bil-mod tiegħek. Bħal ngħidu aħna, tixtri biċċa ħwejjeġ li mhux bilfors għadha moda, u biha toħloq tibdila unika u sabiħa, bi prezz irħis.

Wieħed mill-ikbar vantaġġi ta' din l-attività kummerċjali li permezz tagħha nkunu qegħdin nibżgħu aktar għall-ambjent huwa minħabba li l-konsumatur ikun qed jirriċikla l-ħwejjeġ, u ma jintremiex fil-miżbliet materjal li għadu tajjeb. Barra minn hekk tinċentiva organizzazzjonijiet u negozjanti żgħar sabiex jiftħu dawn in-negozji li l-qligħ minnhom jibqa' fil-komunità jew imur direttament sabiex jgħin organizzazzjonijiet oħra fi ħdanha.

Iżda tajjeb ngħidu li għalkemm it-thrifting jidher li huwa xi tip ta' kummerċ ġdid, dan mhux minnu, għaliex fl-imgħoddi li tbigħ ħwejjeġ biex jerġgħu jintlibsu, kienet prattika komuni fost in-nies ta' klassijiet soċjali foqra. Kien fis-snin 60 u 70 li fl-Ewropa u fl-Istati Uniti dan il-bejgħ ħa forma aktar organizzata u kien popolari ħafna fost il-movimenti ta' żgħażagħ ambjentalisti ta' dak iż-żmien. Din it-tendenza baqgħet tikber tant li issa tista' tmur thrifting anke online!

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont kif inhu mitlub minnek.**

1. Niżżel **TLIET** tipi ta' ħwejjeġ li tista' ssib f'ħanut tat-thrifting.

a. ______________________________

b. ______________________________

ċ. ______________________________ (3)

2. Skont dak li qrajt, x'jissimbolizzaw dawn l-affarijiet fl-istampa?

a. L-ispalliera ________________________________________

b. Id-dinja ________________________________________

ċ. Il-vleġeġ ________________________________________ (3)

3. Spjega fi kliemek il-frażi "tibdila unika" skont kif użata f'paragrafu 4.

________________________________________

________________________________________

________________________________________ (2)

4. Spjega għaliex min jixtri minn dawn il-ħwienet iħoss sens ta' sodisfazzjon differenti milli jekk jixtri minn ħwienet normali?

________________________________________

________________________________________ (2)

5. Għaliex taħseb li dawn il-ħwienet jattiraw ħafna liż-żgħażagħ?

________________________________________

________________________________________

________________________________________ (2)

6. Semmi u spjega fi kliemek **TLIET** vantaġġi tat-thrifting li jissemmew matul dan l-artiklu.

a. ________________________________________

b. ________________________________________

ċ. ________________________________________ (3)

7. Is-silta tibda hekk: Ġieli smajt lil xi ħadd jgħid, "Sejjer thrifting?"

a. Għal min taħseb li hu indirizzat dan l-artiklu?

______________________________________________________________________ (1)

b. Għaliex taħseb li qed juża dan l-istil?

______________________________________________________________________ (1)

ċ. Għaliex taħseb li din is-silta hija rilevanti ħafna għal żmienna?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

8. Skont dak li qrajt, taħseb li fil-futur il-fenomenu tat-thrifting se jikber ħafna? Għaliex taħseb hekk?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (3)

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**Taqsima Ċ: Il-Metalingwa** **(Total: ☐ | 22 marka)**

Il-kandidati jridu jwieġbu żewġ eżerċizzji; eżerċizzju tal-morfoloġija u eżerċizzju tas-semantika.

**Il-Morfoloġija** (12-il marka)

A. Imla l-vojt skont il-kuntest. L-ewwel waħda hija mogħtija bħala eżempju.

**L-Effetti tal-Gwerra**

Kienet waħda mill-**ġranet** (plural sħiħ ta' *ġurnata*) koroh ta' Frar. Is-sema kien imsaħħab, l-arja __________ (parteċipju passiv ta' *ċpar*) u bi sħab iswed. Kull fejn tħares dwejjaq u tkissir; tama ma kienx baqa'; ________ (nom min *qata'*) il-qalb u biża' kienu ________ (il-verb *ħakem* fit-tielet persuna plural) fuq in-nies. Kull fejn wieħed kien __________ (it-tieni forma tal-verb *dar fl-imperfett*) għajnejh ma kienx jara ħlief dwejjaq u swied il-qalb: tfal kwieti, irġiel ħosbiena, nisa mbikkma. Malta kienet __________ (parteċipju passiv minn ħakem) minn dwejjaq kbar u qlub il-Maltin kienu donnhom __________ (5 forma tal-verb *dakkar*) mill-inkwiet li kien isaltan fuq din il-gżira. Fil-ġnien tal-Mall iltaqgħu bla ħsieb __________ (3) żgħażagħ li għalkemm donnhom ma xtaqux idumu jiġru barra, wieħed __________ (verb mill-għerq STGħ) jaħseb li f'qalbhom xtaqu li jqattgħu ftit ħin flimkien. Għall-ewwel bħal tgerfxu u baqgħu inċerti jekk jiqfux ikellmu lil xulxin jew isellmux biss u jibqgħu sejrin, iżda mbagħad iż-żgħażagħ donnhom rebħu lilhom infushom, bexxqu _________ (il-fomm tagħhom) u fetħu __________ (il-qalb tagħhom). Ma damux wisq però li ma reġgħetx _________ (*instema'* fit-tielet persuna singular femminil) is-sirena u telqu jiġru lejn ___________ (superlattiv ta' *qrib*) xelter.

**Is-Semantika** (10 marki)

**B. Aqta’ linja taħt it-tifsira t-tajba.**

**Eż. 1. Il-kejk mal-kafè niżilli għasel.**
a. Kiel kejk bil-għasel mal-kafè
**b. <u>Il-kejk għoġbu ħafna mal-kafè</u>**
ċ. Ħaseb li qed jixrob l-għasel mal-kafè

2. It-tifel qam tard u f’radda ta’ salib ħasel snienu u libes.

a. Radd is-salib xħin qam.
b. Waqt li kien qed jaħsel snienu u jilbes beda jitlob.
ċ. Ħasel snienu u libes malajr.

3. Bl-eżamijiet wara l-bieb ma stajtx nitlef iktar żmien.

a. Wara l-bieb kienu qed isiru l-eżamijiet.
b. L-eżamijiet ftit kien baqgħalhom biex jaslu.
ċ. Beda jitlef ħafna żmien għax issakkar barra.

4. Alexia tgħidx x’ħasla qalgħet mingħand ommha wara li daħlet tard id-dar.

a. L-omm irrabjat ma’ Alexia għax daħlet tard.
b. Alexia kellha taħsel l-art għax daħlet tard.
ċ. L-omm ferħet meta Alexia marret lura d-dar.

5. Missieri mill-ewwel tmur għajnu bih kull meta jaqra l-gazzetta.

a. Jogħrok għajnejh waqt li jkun qed jaqra.
b. Jorqod waqt li jkun qed jaqra.
ċ. Ma jarax sew waqt li jkun qed jaqra.

6. Il-ħaddiem ħalla x-xogħol nofs leħja għax kien dalam.

a. Ma lestiex ix-xogħol.
b. Qaxxar il-leħja wara x-xogħol.
ċ. Lesta kollox fil-ħin.

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

7. L-għalliem qalagħli qalbi sakemm qalli l-marka tal-eżami.

a. L-għalliem tani marki sbieħ.
b. L-għalliem kien ibati b’qalbu.
ċ. L-għalliem dam ħafna biex tani l-marki.

8. Tumas sab ruħu dahru mal-ħajt meta waqfitlu l-karozza.

a. Ma kienx jaf x’se jaqbad jagħmel.
b. Serraħ dahru mal-ħajt.
ċ. Ħass uġigħ f’dahru u waqqaf il-karozza.

9. Sabet spalla mill-ġenituri tagħha meta spiċċat bla xogħol.

a. Il-ġenituri kienu ta’ għajnuna għaliha.
b. Spiċċat bla xogħol għax weġġgħet spallitha.
ċ. Ma sabitx appoġġ mill-ġenituri tagħha meta spiċċat bla xogħol.

10. Hekk kif xorob l-inbid ħass rasu ddur bih.

a. Qabdu sturdament.
b. Beda jċaqlaq rasu.
ċ. Kellu wġigħ ta’ ras.

11. Mario bidel id-diska meta bdew jitkellmu fuqu.

a. Mario beda jdoqq mużika differenti.
b. Mario ma qabilx ma’ dak li bdew jgħidu.
ċ. Mario dawwar id-diskors.

**Taqsima D: Letteratura: Taħriġ fuq test mhux imħejji.** **(Total: ☐ | 22 marka)**

**Aqra sewwa il-poeżija u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

**U Rajt il-Ħajja**

U rajt il-ħajja sbejħa
b’suritha tħoll il-blat
f’għajnejha ħars li jsaħħar
u jinfed qlub l-allat.

U rajtha ttir bħal tajra
ħafifa ’l fuq ’il fuq
u ddur fil-baxx titlajja
u tgħaxxaq kull maħluq.

U rajtha liebsa libsa
bħall-fjuri tal-widien:
bellus ħarir mill-ifjen
imżewqa b’ħafna lwien.

U rajtha tiżfen żifna
fl-għelieqi deheb miżrugħ
u tmewweġ f’wiċċ il-ħmura
bil-ferħ taż-żmien żagħżugħ.

U rajtha troxx mis-sema
mit-trab kristall leqqien
sa tiksi t-toroq kollha
b’tapit ma’ kullimkien.

U rajt il-ħajja tinża’
bil-qajl il-qajl mill-ġmiel
ta’ kemm ħlewwiet u benna
serqilha ż-żmien ħalliel.

*(Poeżija ta’ Emanuel Attard)*

**Wieġeb:** (10 marki)

1. Il-poeta Emanuel Attard jippersonifika lill-ħajja. Agħti raġuni **WAĦDA** għaliex taħseb li l-poeta juża dan l-element figurattiv u islet eżempju **WIEĦED** mill-ewwel strofa, biex issaħħaħ ir-raġuni tiegħek.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________(3)

2. Analizza l-effett li joħloq il-polisindeto f'din il-poeżija.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(1)

3. "tħoll", "ttir", "tgħaxxaq" u "tmewweġ" huma fost il-verbi li l-poeta juża f'din il-poeżija. Ikkummenta dwar it-ton tal-poeżija u l-effett li jinħoloq permezz ta' dawn il-verbi.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(3)

4. a. Għala taħseb li l-poeta jagħmel tidwira fl-aħħar strofa?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(1)

b. Ikkummenta fuq l-effett li toħloq fuq il-qarrejja r-relazzjoni bejn it-tema tal-ħajja u s-sottotema tal-eżistenza tal-bniedem, permezz tat-tidwira fl-aħħar strofa.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

**Letteratura: Il-Komponiment Letterarju**

Il-Kandidati jridu jwieġbu mistoqsija **WAĦDA** li tista' tkun jew mill-antoloġija **Hemm Art fil-Folja** jew mill-antoloġija **Bejn Ħaltejn**

Agħżel mistoqsija **WAĦDA** u ikteb madwar 200 kelma. (12-il marka)

**Hemm Art fil-Folja**

1. It-tema tal-vjaġġ tispikka fl-antoloġija "Hemm Art fil-Folja". Analizza din it-tema b'referenza għax-xogħlijiet letterarji "Il-Ktieb" ta' Immanuel Mifsud, u "Din Gżira Niexfa" ta' Claire Azzopardi.

**JEW**

2. Analizza l-element figurattiv li juża Ġużè Orlando fil-kapitlu mir-rumanz "L-Ibleh", biex joħroġ it-tema tal-kunflitt u tal-gwerra.

## JEW

**Bejn Ħaltejn**

1. L-imħabba jew in-nuqqas tagħha, tidher l-aktar fil-poeżiji awtobijografiċi "Niftakar" ta' Anton Buttigieg, u "Jum San Valentin" ta' Maria Grech Ganado. Analizza din it-tema b'referenza għal dawn iż-żewġ xogħlijiet letterarji.

**JEW**

2. Francis Ebejer ilaqqagħna ma' nisa b'saħħithom u li jafu xi jridu, biex juri li għandhom potenzjal daqs l-irġiel. Uri kif dan hu minnu b'referenzi mir-rumanzett "Il-Ħarsa ta' Rużann".

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU

**TMIEM**

Paġna Vojta